



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13674/22

AVIATION 252

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 529 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL II-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 529 final.

Mehmuż: COM(2022) 529 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2022
COM(2022) 529 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL – IL-PROGRAMM EWROPEW TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

1. IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TAL-2011 U T-TIENI EDIZZJONI TAD-DOKUMENT TAL-PROGRAMM EWROPEW TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “*It-twaqqif ta’ Sistema għall-Ġestjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għall-Ewropa*”¹ li ġiet ippubblikata fl-2011, iddeskriviet l-isfidi relatati mas-sikurezza li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u kkonkludiet dwar in-neċessità li jiġi żviluppat approċċ iżjed proattiv u bbażat fuq l-evidenza. Speċifikat numru ta’ azzjonijiet prattiċi sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni kienet akkumpanjata minn dokument li jiddeskrivi l-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASP)².

F’dak iż-żmien ġew implimentati numru ta’ dawk l-azzjonijiet, b’mod partikolari bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta’ okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili³, l-iżvilupp ta’ analiżi tas-sikurezza fil-livell tal-UE, l-istabbiliment ta’ klassifikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, l-użu estensiv tal-Kumitat regolatorju tal-EASA u tal-korpi konsultattivi tal-EASA bħala l-fora ewlenin sabiex ikunu jistgħu jsiru diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, il-pubblikazzjoni annwali ta’ aġġornamenti għall-Pjan Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, l-iżvilupp ta’ indikaturi tal-prestazzjoni tas-sikurezza, u ż-żieda fil-kooperazzjoni mal-ġirien tal-Unjoni fl-identifikazzjoni ta’ kwistjonijiet relatati mas-sikurezza. Ġie rrakkomandat ukoll li l-Kummissjoni taġġorna l-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni fuq bażi regolari hekk kif iseħħu bidliet fil-ġestjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-UE.

L-ewwel reviżjoni, jiġifieri t-tieni edizzjoni⁴, tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, saret fl-2015. Huwa kien jinkludi sett integrat ta’ regolamenti fil-livell tal-Unjoni, flimkien mal-attivitajiet u mal-proċessi li jintużaw għall-ġestjoni konġunta tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fil-livell Ewropew. Ma kienx pjan ta’ aktivitajiet iżda, pjuttost, kellu l-iskop li joħloq ekwivalent fil-livell tal-UE għall-Programm tal-Istat għas-Sikurezza kif meħtieġ mill-Anness 19 tal-Konvenzjoni ta’ Chicago tal-ICAO. Kellu l-mertu li jipprovdi struttura ċara għall-ispjegazzjoni tal-politiki Ewropej dwar is-sikurezza u tal-oġettivi tagħhom, tal-kunċetti ta’ ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza, ta’ aċċertament tas-sikurezza, u ta’ promozzjoni tas-sikurezza.

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, *It-twaqqif ta’ Sistema għall-Ġestjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għall-Ewropa*, KUMM/2011/0670 finali.

2 Il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, SEC/2011/1261 final.

3 Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta’ okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (Test b’rilevanza għaż-ŻEE); ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18.

4 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, COM(2015) 599 final.

Bil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2018/1139⁵, u b'mod partikolari bl-Artikolu 5 tiegħu, l-EASP kiseb status legali bħala d-dokument li jiddeskrivi l-funzjonament tas-sistema Ewropea tas-sikurezza tal-avjazzjoni, li fih ir-regoli, l-attivitajiet u l-proċessi li jintużaw għall-ġestjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni.

Għaldaqstant, din it-tieni reviżjoni, jiġifieri t-tielet edizzjoni, tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, se ssegwi l-istess struttura bħat-tieni edizzjoni, allinjata mal-format u mal-istruttura tal-qafas tal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza kif spjegat fid-dettall fl-Anness 19 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

2. IT-TIELET EDIZZJONI TAD-DOKUMENT TAL-PROGRAMM EWROPEW TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jispjega kif tiġi ġestita s-sikurezza fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, mhux biss permezz tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni iżda wkoll permezz ta' politiki, Prattiki u azzjonijiet oħrajn.

Id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jagħti idea tar-regoli u tal-proċessi kollha li qegħdin jikkontribwixxu, b'mod integrat, għall-prevenzjoni ta' inċidenti u għas-sikurezza tal-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-Unjoni.

Id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ma huwiex maħsub sabiex jieħu post id-dokumenti tal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza tal-Istati Membri iżda, pjuttost, sabiex jakkumpanjhom. Ladarba bosta regoli u attivitajiet relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni jiġu adottati u koordinati fil-livell tal-UE, l-Istati Membri għandhom jirreferu għad-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni fid-dokument tal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza tagħhom stess, sabiex jispjegaw b'mod komprensiv kif tiġi ġestita s-sikurezza tal-avjazzjoni fit-territorji nazzjonali tagħhom kif mitlub minnhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago. Tabilħaqq, peress li l-UE llegeżlat f'bosta oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni u implimentat proċess Ewropew ta' ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza, ma jkunx possibbli għall-Istati Membri li jiddeskrivu kif jieħdu ħsieb il-ġestjoni tas-sikurezza mingħajr ma jinkludu d-dimensjoni tal-UE.

Barra minn hekk, f'ċerti oqsma koperti mill-Konvenzjoni ta' Chicago, l-Istati ttrasferew il-kompetenza tagħhom lill-Unjoni. Id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jispjega kif l-UE tindirizza l-obbligi internazzjonali li jirriżultaw minn dan it-trasferiment ta' responsabbiltajiet.

Billi jiddeskrivi l-proċessi li jintużaw għall-ġestjoni konġunta tas-sikurezza fil-livell Ewropew u, b'mod partikolari, il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-EASA jikkooperaw sabiex jidentifikaw il-perikli, in-nuqqasijiet fis-sikurezza, u jieħdu azzjonijiet

5 Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); ĠU L 212, 22.08.2018, p. 1.

sabiex inaqqsu r-riskji għas-sikurezza relatati, id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jiddeskrivi min huwa inkarigat bid-diversi responsabbiltajiet għas-sikurezza fl-UE u kif l-UE fis-sħuħija tagħha tista' tikseb u żżomm prestazzjoni sodisfaċenti tas-sikurezza. Jipprovdi wkoll trasparenza lill-partijiet ikkonċernati kollha b'interess fis-sikurezza dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet, it-tqassim tal-kompetenzi, il-politiki u l-proċessi attwalment fis-seħħ fis-sistema tal-Unjoni Ewropea.

Id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jinkludi dawn li ġejjin:

- L-ewwel parti tad-dokument hija ddedikata għall-politiki, għall-objettivi u għar-riżorsi Ewropej relatati mas-sikurezza. B'mod partikolari, fiha d-deskrizzjoni tal-qafas leġiżlattiv Ewropew tal-avjazzjoni u tispjega t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u d-diversi atturi fil-livell tal-UE. Fl-aħħar nett, din il-parti tiddekrivi l-mekkaniżmi fis-seħħ sabiex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni tal-UE.
- It-tieni parti tiffoka fuq il-ġestjoni Ewropea tar-riskji għas-sikurezza. Tiddekrivi r-rekwiżiti eżistenti tal-ġestjoni tas-sikurezza li huma applikabbli għall-industrija u għall-Istati Membri, u tispjega kif ir-riskji għas-sikurezza huma vvalutati u mmitigati b'mod kollettiv fl-UE.
- It-tielet parti tindirizza d-dimensjoni Ewropea ta' aċċertament tas-sikurezza u prinċipalment tiddekrivi kif titwettaq is-sorveljanza tas-sikurezza fl-UE u fl-Istati Membri tagħha.
- Fl-aħħar nett, ir-raba' parti tiddekrivi l-attivitajiet Ewropej fil-qasam tal-promozzjoni tas-sikurezza fosthom it-taħriġ u l-kooperazzjoni internazzjonali.

3. L-IMPATT TAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1139 FUQ IL-PROGRAMM EWROPEW TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Mill-pubblikazzjoni tal-ewwel żewġ edizzjonijiet tad-Dokument dwar il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni fl-2011 u fl-2015, seħħew diversi bidliet leġiżlattivi fl-UE u, b'mod partikolari, daħal fis-seħħ ir-Regolament qafas ġdid (UE) 2018/1139. L-impatt tiegħu huwa fundamentali peress li jipprevedi li l-applikazzjoni ta' prinċipji sodi ta' ġestjoni tas-sikurezza hija essenzjali għat-titjib kontinwu tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni, filwaqt li jiġu antiċipati r-riskji emerġenti għas-sikurezza, u jsir l-aħjar użu minn riżorsi tekniċi limitati. Ir-Regolament jikkonkludi li huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas komuni għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għat-titjib tas-sikurezza. Jistipula li, għal dak l-għan, fil-livell tal-Unjoni għandhom jittfasslu Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Fuq il-bażi tiegħu, kull Stat Membru għandu jfassal ukoll Programm tal-Istat għas-Sikurezza f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness 19 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Dak il-Programm għandu jkun akkumpanjat minn pjan li jiddeskrivi l-azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-Istat Membru sabiex jimmitiga r-riskji identifikati għas-sikurezza.

Il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2018/1139 stabbilixxa qafas legali tal-UE għall-Ġestjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, billi ddedika erba' artikoli għall-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, għall-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, għall-Programm tal-Istat għas-Sikurezza, u l-Pjan tal-Istat għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Issa, dawn l-erba' kunċetti huma rikonoxxuti fid-dritt tal-UE.

L-Artikolu 5 dwar il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jistabbilixxi li wara li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u lill-Istati Membri, hija għandha tadotta, tippubblika u taġġorna, kif meħtieġ, dokument li jiddeskrivi l-funzjonament tas-sistema Ewropea tas-sikurezza tal-avjazzjoni, li jkun fih ir-regoli, l-attivitajiet u l-proċessi li jintużaw sabiex tiġi ġestita s-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament (il-“Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni”). Il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għandu jinkludi tal-anqas l-elementi relatati mar-responsabbiltajiet tal-Istat għall-ġestjoni tas-sikurezza deskritti fl-istandards internazzjonali u fil-prattiki rakkomandati. Il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għandu jiddeskrivi wkoll il-proċess għall-iżvilupp, għall-adozzjoni, għall-aġġornament u għall-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni msemmi fl-Artikolu 6, li jikkomplementa l-Programm.

L-Artikolu 6 dwar il-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jistabbilixxi li l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandha tiżviluppa, tadotta, tippubblika, u sussegwentement taġġorna tal-anqas fuq bażi annwali Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza, il-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għandu jidentifika r-riskji ewlenin tas-sikurezza li jaffettwaw is-sistema Ewropea tas-sikurezza tal-avjazzjoni u jistabbilixxi l-azzjonijiet neċessarji sabiex jiġu mmitigati dawk ir-riskji. Il-proċess għall-iżvilupp u għall-adozzjoni tal-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ġie rfinat kontinwament sabiex jinkorpora t-tagħlimiet meħudin wara l-ewwel ċikli ta' implimentazzjoni. Jikkostitwixxi element vitali tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza fil-livell tal-UE. F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139, il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jiddeskrivi l-proċess għall-iżvilupp, għall-adozzjoni, għall-aġġornament u għall-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

Minbarra li nbidel il-qafas legali, il-ġestjoni tas-sikurezza evolviet f'oqsma oħrajn; eżempju minnhom huwa l-evoluzzjoni tal-attivitajiet imwettqin mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kompetenzi f'oqsma tradizzjonali bħall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/is-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ATM/ANS), jew oqsma ġodda introdotti bis-saħħa tar-Regolament (UE) 2018/1139 bħall-avjazzjoni mingħajr bdot abbord, l-ambjent, is-servizzi fuq l-art u l-interfaċċa bejn is-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni, b'enfasi partikolari fuq iċ-ċibersigurtà.

Sabiex tinżamm l-effiċjenza fil-prevenzjoni ta' inċidenti u fil-mitigazzjoni tar-riskji, il-ġestjoni tas-sikurezza trid tadatta kontinwament għall-bidliet fis-sistema tal-avjazzjoni, għall-iżviluppi tat-teknoloġija, għal mudelli ta' negozju ġodda u għall-perikli ġodda li jfeġġu għas-sikurezza. Għalhekk, id-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni jeħtieġ aġġornamenti regolari sabiex jiġu riflessi dawn il-bidliet. L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 jipprevedi li d-dokument għandu jiġi aġġornat kif ikun meħtieġ.

It-tielet edizzjoni tad-dokument tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, li tirrifletti l-bidliet imsemmijin hawn fuq u li tiddeskrivi l-mod kif inhi ġestita attwalment is-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha, hija pprovduta fl-Anness ta' dan ir-Rapport.